**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 2**

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsilliera |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Is-Sur Andrew Cassar minħabba raġunijiet ta' xogħol

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Jordy Brincat | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 01.01 Ftuħ tal-Laqgħa

**01.01.01** Il-Kunsillier John Schembri fetaħ din l-ewwel laqgħa ta' din il-leġislatura. Hu rringrazzja lill-Kunsilliera li kienu jifformaw parti mill-aħħar leġislatura u awgura li l-Kunsilliera eletti għal din il-leġislatura jkaħdmu flimkien bħala Kunsill wieħed lil hinn minn kuluri politiċi.

## 01.02 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**01.02.01** Waħda. Is-Sur Andrew Cassar bagħat email lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fejn infurmaha li minħabba raġunijiet ta' xogħol huwa ma setax jattendi din il-laqgħa. Din l-apoloġija ntlaqat mill-Kunsilliera preżenti.

## 01.03 Aċċettazzjoni tal-Hatra ta' Sindku

**01.03.01** Il-Kunsillier John Schembri qara l-ittra ta' aċċettazzjoni ta' Sindku u ffirma l-aċċettazzjoni.

## 01.04 Aċċettazzjoni tal-Hatra ta' Viċi Sindku

**01.04.01** Is-Sindku John Schembri stieden lill-Kunsillier Keith Bartolo sabiex jaqra l-ittra ta' aċċettazzjoni ta' Viċi Sindku. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo qara u ffirma l-aċċettazzjoni.

## 01.05 Diskors mis-Sindku John Schembri

**01.05.01** Is-Sindku John Schembri għamel diskors ta' introduzzjoni:

Is-Sindku John Schembri beda d-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-familja tiegħu talli dejjem offrew l-appoġġ tagħhom. Huwa awgura lill-Kunsilliera l-ġodda għall-irwol ġdid tagħhom filwaqt li rringrazzja lill-Kunsilliera l-antika għall-kontribut siewi tagħhom.

Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-importanza tal-irwol tal-Kunsilliera sabiex dan jittieħed bis-serjeta` u b'lealta` lejn min fdahom bil-vot.

Huwa kompla jenfasizza li mil-lum 'l hemm il-Kunsill irid jaħdem bħala tim wieħed għar-residenti ta' Hal Luqa, il-partiġġjaniżmu jrid jinqata'. Is-Sindku John Schembri tenna li issa jrid jitwettaq il-Manifest Elettorali, għalhekk irid ikun hemm l-għaqda bejn il-Kunsilliera kollha. L-għaqda u l-koperazzjoni tagħna huma ċ-ċavetta għas-suċċess tal-Kunsill.

## 01.06 Responsabiltajiet tal-Kunsilliera

**01.06.01** Is-Sindku John Schembri qara d-dekasteri ta' kull Kunsillier hekk kif ġew eletti.

## *Sindku – Is-Sur John Schembri*

- *Il-laqgħat tal-Kunsill u rappreżentanza legali*
- *L-estimi u l-kontroll tal-Finanzi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv*
- *Assenjazzjoni tax-xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill*
- *Proġetti Infrastrutturali inkluż ix-xogħlijiet ta' toroq, bankini u ġonna, l-għamara tat-toroq u sinjali*
- *L-enerġija – dawl tat-toroq*
- *Community Police, LESA, kameras tas-sigurta`, u permessi*
- *Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili u l-Forzi Armati*
- *Devoluzzjoni ta' proprjeta` tal-Gvern Ċentrali*
- *Għaqdiet Mużikali, sports, dawk volontarji*
- *Trasport Lokali tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv*
- *Rappreżentant tal-Kunsill – Teżorier GALXLOKK*
- *Osservazzjoni tal-ħidma kollettiva tal-Kunsill*

## *Kunsillier – Frederick Aquilina*

### *Fondi Ewropej u Skemi*

- *Self Employed , negozji u l-kummerċ*
- *Industrija – MEPA*

## *Viċi Sindku – Keith Bartolo*

### *Ambjent*

- *Ġonna u soft areas, qtugħ ta' ħaxix*
- *Rappreżentant tal-Kunsill Reġjun Nofsinhar*
- *Trasport Pubbliku, u Bus Shelters, tabelli*
- *Tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi*
- *Ħarsien tal-bandli kollha inkluż Family Park Ħal Farruġ*
- *Jassisti lis-Sindku*

## *Kunsillier – Jeffrey Scicluna*

### *Kultura u Edukazzjoni*

- *L-istorja u l-kultura*
- *Edukazzjoni għall-adulti inkluż korsijiet akkadameċi*
- *Il-Librerija Pubblika Lokali*
- *Il-Kunsill Skolastiku*
- *Ġemellaġ – Fiumicino u Gallo D'Oro*
- *It-tradizzjonijiet folkoristiċi – attivitajiet fuq skala kbira u inizjattivi, inkluż is-servizz u korsijiet għal kulħadd*

## *Kunsillier – Andrew Cassar*

### *L-Anzjani u Persuni b'Diżabilita`*

- *Ċentru ta' Matul il-Jum, San Vinċenż*
- *Tilqim, Berġa tas-Saħħa*
- *Inizjattivi relatati mas-saħħa u anzjanita` attiva*
- *Liason Officer PN*

## *Kunsillier – Anton Gatt*

### *Indafa Pubbliku*

- *Il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali*
- *L-Awtorita` tal-Artijiet*
- *Suq fil-beraħ*
- *Promozzjoni għall-isseparar tal-iskart*
- *Il-knis u t-tindif tat-toroq inkluż l-isqaqin rurali*
- *Il-latrini pubbliċi u l-ħasil tat-toroq*

## *Kunsillier – Matthew Spiteri*

### ***Iż-Żgħażagħ u Sports***

- *Awtorita` tad-Djar*

- *Ħarsien tal-Annimali*

- *Ċimiterji – Il-kuntatt mal-Knisja fuq iċ-ċimiterju*

- *Liason Officer PL*

*Is-Sinjura Astrid Pell (Segretarju Eżekuttiv):*
*- Kap Eżekuttiv*
*- Kap Amministrattiv*
*- Kap Finanzjarju*

### 01.07 Ġranet u ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill

**01.07.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat il-Kunsilliera li rridu nistabbilixxu l-ġurnata u l-ħin tas-seduta skedata. Il-Kunsilliera preżenti qablu li ssir fil-ġurnata tal-Erbgħa u tibda fil-17:30.

### 01.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**01.08.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-18.30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 18 ta' Lulju 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum il-Ħamis, 18 ta' Lulju 2024.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |